*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,742, 26 ta' Novembru, 2021*
*Taqsima B*

---

**A.L. 463 tal-2021**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

## Ordni tal-2021 dwar *Standard* Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 dwar *Standard* Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.

Żieda għall-għoli tal-ħajja.

**2.** (1) Il-pagi ta' impjegati *whole-time* għandhom jiżdiedu b'euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€1.75) fil-ġimgħa.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati *part-time* għandha tiżdied bl-istess ammont taż-żieda fir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli, ikkalkulata wara li jiġu inklużi ż-żidiet fil-ġimgħa speċifikati fis-subartikolu (1), jew fil-każijiet fejn ma jkun hemm ebda kategorija komparabbli ta' impjegati *whole-time* fil-post tax-xogħol, bir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli f'Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, jew fejn ma jkunx hemm Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, b'wieħed minn kull erbgħin (1/40) tar-rata ta' żidiet kif speċifikati fis-subartikolu (1).

---